Qorti ta' l-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell Civili numru:- 23/2015

**Rita Nicolosi (K.I. 129256M) (appellata)**

**vs**

**Direttur tas-Sigurta' Socjali (appellant)**

Il-Gimgha, 24 ta' Gunju 2016

Fl-4 t'Awissu 2014 Rita Nicolosi appellat quddiem l-arbitru *a tenur* tal-Att Dwar is-Sigurta' Socjali (Kap 318 tal-Ligijiet ta' Malta). Dan wara li b'decizjoni tat-23 ta' Lulju 2014, id-Direttur tas-Sigurta' Socjali kien informaha li l-applikazzjoni taghha ghall-ghajnuna socjali kienet mistharrga/riveduta u gie deciz li hija m'ghadhiex iktar intitolata ghal din l-ghajnuna ghaliex id-Direttur ma kienx sodisfatt li hija kienet qed tifforma familja ghal rasha, u/jew, li qed tabita fl-indirizz moghti minnha. Fl-appell taghha Nicolosi argumentat li hija kellha kaz verament partikolari u li m'ghandhiex biex tghix hlief l-ghajnuna socjali.

Rat ir-risposta tad-Direttur tas-Sigurta' Socjali tat-22 ta' Jannar 2015 quddiem l-arbitru li permezz taghha ssottometta li (i) id-decizjoni tieghu tat-23 ta' Lulju 2014 hija gusta; (ii) Nicolosi, legalment separata, kienet beneficjarja tal-Ghajnuna Socjali sal-1 t'Awissu 2014; (iii) fuq rapport li d-Dipartiment kien ircieva minghand id-Direttorat tal-Frodi u Investigazzjonijiet, kien irrizulta li d-Direttur ma setax ikun sodisfatt li l-appellanti kienet qed tifforma familja ghal rasha u/jew li tabita fl-indirizz moghti minnha.

Il-kaz tal-lum hu konness ma' iehor fl-ismijiet **Rita Nicolosi vs Direttur tas-Sigurta' Socjali** – Appell Nru 22/2015 li ser jigi deciz illum.

Mill-atti jirrizulta li:-

i. Rita Nicolosi sseparat legalment minn ma' zewgha Giuseppe Nicolosi fil-21 ta' Dicembru 1995. Fil-kuntratt jinghad li qeghdin jiddekadu mid-dritt tal-manteniment. Il-fond matrimonjali, "Vita", Triq il-Bahrija, Wied il-Ghajn, baqa' komuni;

ii. Fis-7 ta' Frar 1996 hija gharrfet lid-Dipartiment b'dan il-bdil fic-cirkostanzi taghha u ffirmat dikjarazzjoni li hija giet imwissija biex tgharraf lill-istess Dipartiment b'kull ghamla ta' tibdil fic-cirkostanzi taghha;

iii. Wara rapport li sar lid-Dipartiment ghall-Investigazzjoni ta' Frodi ta' Beneficcji, saret investigazzjoni fis-16 ta' Mejju 2014 mill-ispetturi ta' dan id-Dipartiment li minnha rrizulta li

Nicolosi ma kinitx qed tuza l-indirizz iddikjarat mad-Dipartiment ghal skopijiet ta' residenza permanenti gewwa Marsascala[1] u li f'dan l-indirizz kienu qeghdin jabitaw terzi persuni bhala r-residenza ewlenija taghhom;

iv. B'ittra datata 23 ta' Lulju 2014, id-Direttur tas-Sigurta' Socjali kien informa lil Nicolosi li l-applikazzjoni taghha ghall-ghajnuna socjali kienet mistharrga/riveduta u gie deciz li hija m'ghadhiex aktar intitolata ghal din l-ghajnuna ghaliex id-Direttur ma kienx sodisfatt li hija kienet qed tifforma familja ghal rasha, u/jew, li qed tabita fl-indirizz moghti minnha;

v. F'ittra ndirizzata lid-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali fil-31 ta' Lulju 2014, Nicolosi kkonfermat li hija kienet biddlet l-indirizz minghajr ma nfurmat lid-Dipartiment u bla ma bidlet l-indirizz tal-karta ta' l-identita' taghha izda dan ghamlitu biex zewgha u bintha ma jsirux jafu fejn marret tghix. Hija sahqet li kienet kostretta titlaq mid-dar u tmur tghix band'ohra minhabba persekuzzjoni minn bintha, liema agir wassalha biex anke pprezentat kwerela kontriha. Di piu' finanzjarjament marret aghar ghax fil-kiri ta' residenza alternattiva hija qeghda thallas aktar minn dak li hija qeghda taqla mill-fond mikri lit-terzi;

vi. B'decizjoni tat-13 ta' Awissu 2014, id-Direttur tas-Sigurta' Socjali kien informaha li rrizultalu li hija thallset zejjed is-somma ta' Eur13,032.56 f'ghajnuna socjali li rceviet minghand id-Dipartiment bejn l-24 ta' Marzu 2012 u l-1 t'Awissu 2014;

vii. Skont ftehim datat 1 t'Ottubru 2014, appartament gewwa San Pawl il-Bahar gie mikri lil Rita Nicolosi ghal sena, rinnovabbli bi qbil bejn il-partijiet firmatarji. Gew anke prezentati xi ricevuti ta' hlasijiet ta' kera mill-appellanti (llum appellata) ghal dan l-appartament;

viii. Gew prezentati wkoll "Maintenance Bill" li jkopri spejjez bejn Jannar u Dicembru 2014 u ricevuti ta' hlas ta' kera relatati mal-appartament ta' San Pawl il-Bahar; kif ukoll ittra datata 10 ta' Mejju 2014 minghand l-ex ragel ta' Rita Nicolosi b'talba ghall-hlas tas-sehem dovut lilu mill-kera tal-fond ta' Marsascala mikri lit-terzi minnha. Sar ukoll rapport mis-social worker tad-Dipartiment fl-1 ta' Dicembru 2014 dwar il-kaz;

ix. Nicolosi pprezentat ukoll kopja ta' kwerela kontra bintha datata 7 ta' Lulju 2014.

B'decizjoni datata 24 ta' April, 2015 (Decizjoni numru: 148/15) l-arbitru kkonkludiet li l-appell kellu jigi milqugh u d-decizjoni tad-Direttur kellha tigi revokata. Dan wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

(a) A bazi ta' nformazzjoni li kellu d-Direttur, kien gustifikat jikkonkludi li l-appellanti (appellata f'dan l-appell) biddlet ir-residenza minghajr ma nfurmat lid-Dipartiment u li kienet qeghda tippercepixxi ntrojtu permezz ta' kera tal-fond gja residenza taghha;

(b) Madankollu, u minkejja li l-appellanti zbaljat meta naqset li tinforma lid-Dipartiment, il-bdil tar-residenza ma kinitx purament kapriccjuza izda necessitata minhabba cirkustanzi serji ta' theddid u fastidju kontinwu minn bint l-appellanti;

(c) Ghalkemm huwa minnu li li l-appellanti qeghda tippercepixxi introjtu mill-kera tal-fond gewwa Marsascala, nofs dan l-ammont huwa dovut, u qieghed anke jigi mitlub minn zewgha;

---

[1] 40, "Vita" Triq l-Arzell, Marsascala.

(d) Fi kwalsiasi kaz, l-ispejjez relatati mar-residenza gdida li kienet kostretta tfittex l-appellanti huma oghla mill-introjtu ta' kera;
(e) Inoltre ma ngiebet ebda prova li l-appellanti mhijiex qed tghix wahedha gor-residenza l-gdida.

Minn din id-decizjoni appella d-Direttur tas-Sigurta' Socjali. L-appellata Rita Nicolosi wiegbet[2] u annettiet diversi dokumenti,: ftehim datat 1 t'Ottubru 2009 fejn appartament f'San Pawl il-Bahar gie mikri lilha[3], kif ukoll numru ta' ricevuti ghal hlas ta' kera u spejjez ohra relatati ma' dan l-appartament[4]. Dokumenti li kienu diga' gew prezentati fl-appell li sar quddiem l-Arbitru.

Fis-seduta tat-8 t'April 2016[5] saret trattazzjoni.

Il-Qorti rat l-atti ta' dan il-kaz u l-atti tal-kaz konness fl-istess ismijiet App Nru 22/2015.

**<u>Preliminari.</u>**

Waqt is-smigh tal-appell fit-8 t'April 2016, id-difensur tal-appellata talab lid-Dipartiment iressaq provi dwar meta rcieva d-decizjoni tal-arbitru peress li d-decizjoni nghatat fl-24 t'April 2015 filwaqt li r-rikors tal-appell gie prezentat fil-5 ta' Gunju 2015. Mid-dokumenti esibiti mid-Dipartiment[6] jirrizulta li huwa gie notifikat bid-decizjoni tal-arbitru fis-7 ta' Mejju 2015 u ghalhekk l-appell gie prezentat entro t-terminu ta' tletin jum a tenur tal-artikolu 109 tal-Kap 12.

**<u>L-Aggravju tad-Direttur tas-Sigurta' Socjali: apprezzament hazin tal-ligi u tal-provi prodotti.</u>**

L-appellant jilmenta li l-arbitru waslet ghall-konkluzjoni zbaljata ghaliex il-provi juru car kif l-appellata Nicolosi kienet qeghda tircievi l-ghajnuna socjali fl-istess waqt li kienet qeghda tikri l-post li mad-Dipartiment iddikjarat li kien ir-residenza taghha u ghalhekk tircievi ntrojtu iehor apparti l-ghajnuna socjali. Kienet x'kienet ir-raguni wara l-agir tal-appellata, hija kienet obbligata li tottempra ruha mal-artikolu 97 (1) (b) tal-Kap 318. Filwaqt li l-arbitru qalet li d-Direttur kien gustifikat li jasal ghad-decizjoni tieghu, ghaddiet biex tiskuza l-agir tal-appellata bhala wiehed motivat minn pressjoni u biza' anke jekk din kienet qeghda tircievi introjtu mill-kiri tal-fond in kwistjoni *ad insaputa* tad-Dipartiment. Fil-fehma tad-Direttur appellant, id-decizjoni tal-arbitru ma kinitx skont il-ligi u l-ekwita'.

---

[2] Fol 11 et seq.

[3] Fol 16 et seq.

[4] Fol 22 et seq

[5] Fol 66.

[6] Fol 67 et seq.

Kif ben stabbilit fil-gurisprudenza:

*"hi karatteristika tal-kazijiet ta' din ix-xorta, hekk unikament bazati fuq il-fatti, illi dawn isegwu s-solitu perkors ta' stharrig u ta' gudizzju bil-mod infraskritt:-*

*1. Jikkompeti in primis lill-Arbitru li jinvestiga jekk id-Direttur ezercitax kif jixraq il-poter diskrezzjonali tieghu biex wasal ghad-decizjoni proprja;*

*2. Jispetta mbaghad lil din il-Qorti li taccerta u tassikura jekk minn naha tieghu l-Arbitru mexiex rite u recte fit-tfassil tad-decizjoni tieghu, u, allura, jekk kienux jezistu ragunijiet validi biex l-Arbitru jissostitwixxi d-diskrezzjoni tad-Direttur b'dik tieghu, favorevoli ghall-appellanti."*[7]

Id-Direttur appellant ibbaza d-decizjoni tieghu ghat-twaqqif tal-ghajnuna socjali fuq l-artikolu 97 (1) (b) tal-Kap 318:

***"97.** (1) Tkun kundizzjoni tal-jedd ta' xi persuna għal xi benefiċċju, pensjoni, allowance jew għajnuna mogħtija taħt id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att li –*

*….*

*(b) tipproduċi dawk iċ-ċertifikati, dokumenti, informazzjoni u xiehda għall-fini li jiġi stabbilit il-jedd tagħha għal dak il-benefiċċju, pensjoni, allowance, għotja għal korriment jew għajnuna li d-Direttur jista', minn żmien għal żmien, jeħtieġ u għal dak il-għan tmur f'dak l-uffiċċju jew post kif id-Direttur jista' jistabbilixxi."*

Din il-Qorti fil-kaz **Julie Vassallo vs Direttur tas-Sigurta' Socjali deciz fil-5 ta' Marzu 2010**[8] ikkummentat hekk dwar din id-dispozizzjoni:

*"Guridikament apprezzata u interpretata ma jistax ikun hemm l-icken dubju illi d-disposizzjoni ghandha l-iskop li tinkulka fil-beneficjarju l-adempiment tad-doveri mistennija minnu, anke ghaliex tirrapprezenta l-metru ta' dak il-komportament li hu kellu jsegwi ghall-ghoti (jew tal-kontinwazzjoni taghha) ta' l-assistenza spettata minnu bl-applikazzjoni;*

*B'mod mill-aktar evidenti l-kanoni tal-kondotta inkombenti fuq l-appellanti kienet in bazi ghall-imsemmija disposizzjoni dik li hi tirrispetta u tezegwixxi l-obbligazzjoni kollaterali taghha li tikkopera mad-Dipartiment u li tghaddilu l-informazzjoni u d-dokumenti li talabha. F'dan ma hemm xejn gdid li ma nsibux ukoll f'rapporti obbligatorji ohra traccjati fil-ligi komuni, u b'mod partikolari, taht il-Kodici Civili. Imperanti l-komportament tal-korrettezza u tal-bwona fede, sija fl-interess proprju kif ukoll b'salvagwardja ghall-interessi tal-kontraenti l-iehor. In-nuqqas ta' l-osservanza ta' komportament bhal dan igib b'konsegwenza illi l-parti fi htija tista' ssib ruhha f'qaghda fejn id-dritt taghha ma jibqax aktar tutelat. Mhux dan biss, ghax ukoll il-kondotta negattiva taghha tista' tkun soggett ta' sanzjoni. F'dan il-kaz, kif hekk gara, li l-ghajnuna prevedenzjali ma tkomplix tigi prestata lilha. Sa hawn allura l-appellanti ma tistax tlum lid-Direttur appellat li zamm lura milli jkompli jerogolha l-assistenza, ghaliex id-decizjoni tieghu kienet teknikament u legalment fondata;"*

---

[7] **Avon Theuma vs Direttur tas-Sigurta' Socjali** deciza mill-Qorti tal-Appell Inferjuri fit-12 ta' Marzu 2010 (Nru 17/2009).

[8] Appell Inferjuri Nru 16/09.

Fil-kaz tal-lum hemm qbil bejn il-partijiet li l-appellata ma kinitx baqghet tghix fil-fond Vita, Triq il-Bahrija, Marsascala li ddikjarat mad-Dipartiment bhala r-residenza taghha u li hi ma kinitx infurmat b'dan lid-Dipartiment. Lanqas m'hemm kontestazzjoni li bhala stat ta' fatt, l-appellata kienet ilha minn Marzu 2012 tikri l-fond ta' Marsascala lil terzi. Fid-decizjoni taghha l-arbitru kkonstatat fil-fatt li mill-informazzjoni li kellu d-Direttur, kien gustifikat fil-konkluzjoni tieghu li Rita Nicolosi bidlet ir-residenza minghajr ma nfurmat lid-Dipartiment u li kienet qeghda tippercepixxi introjtu permezz ta' kera tal-fond li qabel kienet ir-residenza dikjarata taghha.

Il-Qorti tqis li l-kompitu tal-arbitru f'kazijiet bhal dawn huwa li jilhaq bilanc bejn id-dmirijiet imposti mil-ligi li n-nuqqas ta' osservanza taghhom jista' ggib riperkussjonijiet negattivi fuq il-beneficjarji u l-principju li l-Arbitru jrid jasal ghal gudizzju tieghu fuq bazi ta' ekwita' u gustizzja. Ghalhekk min qieghed jiddeciedi *"m'ghandux jadotta r-rigur tas-summum jus u l-inflessibilita ta' xi disposizzjoni partikolari tal-ligi fejn ic-cirkostanzi pprezentati lilu jkunu, entro l-ligi, jissuggerixxu l-adozzjoni ta' soluzzjoni diversa u anqas rigida."*[9]

Huwa car li l-motivazzjoni tal-arbitru fir-revoka tad-decizjoni tad-Direttur appellant kienet li l-bdil tar-residenza tal-beneficjarja kienet:

*"necessitata minhabba cirkostanzi serji u cioe' theddid u fastidju kontinwu minn bint l-appellanti"* u li l-istess beneficjarja *"kienet taht pressjoni u biza' li geghlitha taghmel dak kollu possibbli sabiex l-indirizz fejn kienet qed tghix ma jigix zvelat. Dan ma kienx motivat b'mala fede jew bdil materjali fl-istatus ta' l-appellanti bhala 'persuna li tghix ghal rasha' izda kien biss rizultat ta' biza' li kellha l-istess appellanti illi bintha tiskopri fejn kienet qed tghix u b'hekk tkompli timportunaha u theddidha."*

L-arbitru qieset bhala evidenza konkreta favur l-appellata odjerna il-konferma permezz ta' ittri tad-difensur taghha u proceduri kriminali pendenti kontra bint l-appellata.

Il-Qorti ma taqbilx mal-arbitru li tidher li njorat u ma tatx il-piz dovut lil fatti u rizultanzi ohrajn tal-kaz li fl-assjem taghhom kellhom fil-fehma tal-Qorti jwasslu ghall-konkluzjoni opposta ghal dik raggunta mill-istess arbitru. Fl-ewwel lok, quddiem l-Arbitru l-appellata xehdet li ma kinitx taf li trid tavza lid-Dipartiment bit-tibdil tal-indirizz[10]. Il-Qorti ma temminx din il-verzjoni. L-appellata ffirmat dikjarazzjoni f'dan is-sens kif jaghmel kull applikant meta japplika ghall-ghajnuna socjali[11]. Inoltre, din il-verzjoni tikkontradixxi dak li l-appellata stess qalet fl-ittra taghha lid-Direttur fl-31 ta' Lulju 2014 u lis-*social worker* fir-rapport redatt fl-1 ta' Dicembru

[9] Julie Vassallo vs Direttur tas-Sigurta' Socjali, ibid.

[10] Seduta tal-10 t'April 2015 a fol 12.

[11] Fol 11.

2014 u cioe' li l-unika raguni ghalfejn ma xtaqitx tizvela l-lok tar-residenza gdid taghha kien minhabba sigurta' u protezzjoni minn bintha li kienet aggressiva.

Ghal dak li jikkoncerna l-inkwiet li l-appellata qalet li kellha ma' bintha, tressqu provi li juru biss li zmien wara li l-appellata kienet diga' kriet il-fond ta' Marsascala lil terzi fl-2012, hija kellha xi nkwiet ma' bintha proprju minhabba li kriet il-post. Is-*social worker* ikkwotat lill-appellata hekk (u dan ma giex kontradett): *"She recounted that her daughter became aggressive to her **because she had rented the house**. According to claimant, her daughter went at the house to the British couple and told them to pay her."* [12] Pero kien biss f'Lulju 2014 li l-appellata ghamlet kwerela lil bintha.

Ladarba rrizulta lid-Direttur li l-appellanti kienet bidlet r-residenza minghajr m'avzatu b'dak li ghamlet, f'dak l-istadju d-Direttur kellu dritt iwaqqaf l-ghajnuna socjali. Pero' l-qorti hi tal-fehma li f'cirkostanzi bhal dawn id-Dipartiment m'ghandux jieqaf hemm. Minn dak li fehemet il-qorti, f'cirkostanzi simili d-Dipartiment jezigi li l-beneficjarju japplika mill-gdid sabiex jerga' jibda jircievi l-ghajnuna socjali. Dan minkejja li skond l-Artikolu 97(1) id-Dipartiment ghandu l-jedd li jitlob lill-beneficcjarju li jipproduci dokumenti, certifikati u nformazzjoni ohra li jqies rilevanti sabiex jiddetermina jekk huwiex intitolat ghal dak il-beneficcju. Fil-fehma tal-qorti ikun iktar floku li f'dak l-istadju d-Dipartiment semmai jissospendi l-hlas sakemm jinghata kull taghrif li jista' jqies li hemm bzonn biex jiddetermina jekk il-fatt biss li l-persuna bidlet l-indirizz, hijiex ta' konsegwenza ghal finijiet tal-*entitlement* taghha li tibqa' tircievi l-beneficcji socjali.

Fir-rigward tad-dikjarazzjoni tal-appellat li l-appellanti m'hijiex tifforma familja ghal rasha, m'hemm l-ebda ndikazzjoni li dan kien il-kaz. Fir-rapport stess tal-ispettur tad-Dipartiment ghall-Investigazzjoni ta' Frodi ta' Beneficcji, m'hemm l-ebda ndizju li l-appellata ma kinitx qeghda tghix ghal rasha. Il-fatt li l-appellata marret tghix ghal rasha mhi l-ebda prova li ma kinitx ghadha tifforma familja ghal rasha. Fil-fatt fil-parti konklussiva tar-rapport jinghad li hemm ksur tal-provvedimenti tal-Att dwar l-Att tas-Sigurta Socjali (Kap. 318) f'dak li ghandu x'jaqsam mal-intitolament ghall-ghajnuna socjali, ghajnuna supplimentari u beneficcju ghall-energija ghaliex:

*"….. is-sinjura Rita Josephine Nicolosi mhijiex tuza l-indirizz iddikjarat ghal skopijiet ta' residenza permanenti u ghaliex hija ghandha dhul minn kera fuq dan l-istess indirizz li qatt ma gabet ghall-attenzjoni tad-Dipartiment tas-Sigurta Socjali."*

M'hemm l-ebda accenn li mill-investigazzjoni kien irrizulta li l-appellata ma kinitx qeghda tifforma familja ghal rasha.

Fir-rikors tal-appell issemma wkoll li mill-provi kien irrizulta li l-appellanti kellha ntrojtu iehor,

[12] Rapport datat 1 ta' Dicembru 2014 a fol 10 *et seq*.

billi kienet qeghda tikri d-dar lil terzi. Bhala fatt dan huwa minnu. Pero' fi proceduri ta' din ix-xorta dak li jigi mistharreg hi d-decizjoni tad-Direttur skond ir-raguni li jkun ta fid-decizjoni tieghu. F'dan il-kaz id-decizjoni tad-Direttur li jwaqqaf il-beneficcji socjali kienet minhabba:

*"Id-Direttur mhux sodisfatt li qed tifforma familja ghal rasek, u/jew, li qed tabita fl-indirizz moghti minnek."*(avviz datata 23 ta' Lulju 2014).

Ghalhekk id-Direttur ma waqqafx l-ghajnuna socjali minhabba li l-appellata kellha ntrojtu iehor li ma giex dikjarat lilu. M'ghandux ikun li fil-kors tal-proceduri ta' appell quddiem l-arbitru, id-Direttur jipprova jiggustifika d-decizjoni tieghu fuq ragunijiet li ma jkunux issemmew fid-decizjoni li tkun qeghda tigi mistharrga fl-appell.

**Ghal dawn ir-ragunijiet tilqa' l-appell u thassar id-decizjoni tal-24 ta' April 2015 bl-ispejjez kontra l-appellanti. Ghalhekk tibqa' tghodd id-decizjoni tad-Direttur tat-23 ta' Lulju 2014 fir-rigward li ma baqghetx tabita fl-indirizz moghti minnha. Spejjez a karigu tal-appellata**.

Anthony Ellul